# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum 3 ta` Diċembru, 2019**

Appell numru 151 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Neville BALDACCHINO**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-22 ta' Marzu 2017 fil-konfront ta' Neville BALDACCHINO, detentur tal-karta tal-identita bin-numri 70985M fejn ġie mixli talli fil-25 ta' Novembru 2015 għall-ħabta tal-1715 waqt li kien ġewwa jew fil-madwar tal-Bur Salmastru f'Tal-Ballut, limiti ta' Marsaxlokk riżerva tal-għasafar :

(1) Ikkaċċja, weġġħa, ha, jew prova jikkaccja, iwegga' jew jiehu xi ghasfur mis-Santwarju tal-ghasafar;

(2) Ukoll, talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, kien qieghed jikkaccja jew jipprova jikkaccja, ha jew jipprova jiehu b'kull mezz li jkun, xi ghasfur kif permess skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, kemm il-darba ma kienx fil-pussess ta' licenzja valida skont 1na taplika, mahruga mid-Direttur, u dik il-persuna tkun tissodisfa 1-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f kull ligi ohra;

(3) Ukoll talli waqt li kien qieghed jonsob jew jikkaccja, kellu fil-pussess tieghu u ghamel uzu minn ranja/mist net;

(4) U aktar, talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaccja jew prova jikkaccja, ha jew prova jiehu xi ghasfur billi uza, kellu fil-pussess tieghu u ghamel uzu minn ranja/mist net;

(5) Ukoll talli, waqt li kien qieghed jonsob jew jikkaccja, kellu fil-pussess tieghu bird-caller;

(6) Kif ukoll, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaccja jew prova jikkaccja, ha jew prova jiehu xi ghasfur billi uza jew kellu fil-pussess tieghu, waqt attivita' ta' kaccajew insib, xi gassjew xi apparat elettrikujew elettroniku, specjalment l-uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar;

(7) Ukoll talli sar recediv b'sentenzi moghtija lilu quddiem il-Qorti tal-Magistrati Dr. Anthony J. Vella.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, dik il-Qorti iddeċidiet li wara li rat ir-Regolament 7(2), 7(1)(d)(e), 12(1), 24(a), L.S. 504.71 illiberat lill-imputat appellant mis-seba' imputazzjoni filwaqt li sabitu ħati tal-kumplament tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, ikkundannatu għal multa ta' elf u ħames mitt euro u ordnat is-sospensjoni tal-liċenza għal żmien sentejn minn

dakinhar tas-sentenza. Il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska tal-eżebiti filwaqt li spjegat il-portata ta' dik is-sentenza fi kliem ċar lill-imputat.

3. Permezz ta' rikors datat 3 t'April 2017, l-imputat interpona appell minn din is-sentenza fejn essenzjalment qajjem żewġt aggravji, wieħed li jittratta l-apprezzament tal-meritu kif magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati li fil-fehma tiegħu kien żbaljat u l-ieħor li kien jitratta l-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati li fil-fehma tiegħu ma kienetx ekwa u ġusta.

4. Rat l-atti kollha u semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet matul l-udjenza;

***Ikkunsidrat : -***

5. Illi kwantu għal dak li jirrigwarda l-meritu ta' dan il-każ, l-appellant jikkontendi li filwaqt li huwa verament kien qiegħed fl-għalqa ta' missieru huwa ma kienx dak li kien qiegħed jikkaċċja u juża l-apparat imsemmi bi ksur tal-Liġi, iżda dak li kien qiegħed jagħmel din l-attivita' kien fil-fatt ħuh Steven Baldacchino, li fis wara li l-appellant kien ġie mwaqqaf mill-Pulizija, kien stqarr magħhom dan kollu. L-appellant itenni li l-Prosekuzzjoni kellha l-obbligu li tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-appellant, li verament kien qiegħed fl-għalqa ta' missieru, kien qiegħed

hemmhekk biex jeżerċita l-kaċċa u mhux biex jagħmel attivitajiet oħrajn mhux imsemmija fiċ-ċitazzjoni. L-appellant jikkontendi li l-identifikazzjoni tiegħu bħala dak li kien qiegħed jeżerċita l-kaċċa b'mod illegali kienet saret mill-istatura u mill-ilbies tiegħu. Dan l-aggravju jeħtieġ analiżi dettaljata tal-provi li kellha quddiemha l-Qorti tal-Maġistrati.

6. Illi b'hekk f'dan il-każ l-appell jistrieħ fuq l-apprezzament tal-fatti magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati. B'mod partikolari f'appelli ta' dan il-ġeneru, huwa importanti li jiġi ċċarat x'inhuma l-funzjonijiet ta' din il-Qorti tal-Appell Kriminali, li f'dan il-każ tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Dawn il-funzjonijiet ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] fejn intqal:-

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

7. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2]

8. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa

---

Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

9. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

10. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic***

11. Il-Prosekuzzjoni resqet ix-xiehda tal-Pulizija li kienu fuq il-post immedjatament, ċjoe PS1141 Noel Tanti kif ukoll PS572 Antoine D'amato. PS1141 Tanti stqarr li :

> Fil 25/11/2015 waqt Ii kont xoghol Second Watch ma Pc 572 u kont inhawi ta Bur Salmastru f'Hal Ballut limiti ta Marsaxlokk ghal kacca u insib illegali ghal habta ta 17:15hrs bdejt nisma Birdcaller fl'inhawi fejn ahna il pulizija waqafna u bdejna nimxu f'direzzjoni tal dan il-Birdcaller fejn meta gejna vicin ta dan il-birdcaller innutajt li kien go ghalqa fuq xi gebel, fejn f'daqqa wabda rajt persuna Maskili jinhassad u telaq jigri fejn jien u Pc 572 grejna warghajh fejn jien innutajt li kien liebes flokk ta kulur Ahdar b'komma qasira u minn taht kellu flokk abjad b'kmiem twal. Nixtieq nghid Ii din il-persuna f'daqqa wahda ma deherx izjed u jien flimkien ma Pc 572 bdejna infitxu fil madwar ghax jien ghedt li Pc 572 li kien mistohbi x'kien jew go xi haxix, peress li ma jistax ikun li kien harab fit tul, ghax konna vicin wisq tieghu. Innutajt li kien hemm xi kmamar li kien maghluqien, u kien hemm ukoll vettura ipparkjata ta kulur ahmar fejn meta bdejt infittex go sigar sibt li kien hemm ukoll renja armata.
>
> Tlabt assistenza ta Ps 305 biex jigi fuq il-post, halli indika ma minn kienet din l-ghalqa peress li xi granet qabel kien ghamel inspections f'inhawi.
>
> Waqt li kont qed infittex il-vettura li kienet ipparkjata rajta hierga fejn ghedt lil Pc 572 biex iwaqqaf il vettura u Pc 572 indikali li kienet il-persona li rajna tigri u meta mort fejn il-vettura rajt il flokk li kien liebes fuq is-seat ta quddiem, imma nixtieq nghid li din il-persona kien liebes flokk ta kulur iehor, imma kien liebes flokk b'kmiem bojod **minn** taht. Meta ghedtlu ghalfejn gera dan qalli li ma kienx hu ghax hu kien go kamra rieqed, u meta qam hareg u sab lil Pc 572 go l-ghalqa fejn waqfu.
>
> Tlabtu I.d card u irrizuta li kien certu Neville Baldacchino i.d card 70985M, fejn waqt li kont qed nitkellem ma din l-persuna giet persuna ohra u indentifika ruhu li kien hu Neville fejn meta ghedtlu x'gara dan starr li **kien**

***Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs. Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs. Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs. Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs. Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs. Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs. Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs. Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

hu li gera kif ukoll ir-renja u l-birdcaller kienu tieghu. Tlabtu l.d card u irrizulta li kien certu Steven Baldachino id card 524091M

Wasal Ps 305 flimkien ma Pc 798 u SM Attard, fejn Ps 305 qal li l-ghalqa kienet ma minn kont qed inkellem, u qalli ukoll li kien go riserva.

Ps 305, Pc 572 u pc 798 marru fejn ir renja, fejn qallaw istess renja u jien flimkien ma SM Attard morna ingibu l-Birdcaller. Inharget ircevuta Ii konna se niehdu ir-renja u birdcaller lil Nevielle Baldachino u Steven Baldacchino u ghanda numru 4866.

Jien infurmajt ukoll lil Insp Jurgen Vella b'dan il-kaz fejn gejt infurmat biex naghmel inspection f'residenzi taghhom imhabba armi fejn instab kollox fil positiv. Wara infurmajt lil Neville u lil Steven Baldacchino li kien, sejjer ikellimhom l-ispettur Jurgen Vella ghal aktar starrig.

Wara gejt infurmat li kienu se jinhargu akkuzi fil konfront ta Neville Baldacchino u fil konfront ukoll ta Steven Baldacchino, peress li kienu qegħdin jagħmlu uzu mill-bird caller u ir-renja fir-riserva.

## 12.PC 572, mill-banda l-oħra jixhed hekk : -

Nhar 25 ta Novembru 2015 ghall habta ta 17:15 hrs, waqt li kont xoghol ma PS 1141 ronda rigward kacca u insib illegali waqt stagun miftuh, fl-inhawi ta Bur Salmastru f'Tal-Ballut fil-limiti ta Marsaxlokk, riserva ta l-ghasafar, bdejna nisimghu bird caller ghall pluvieri mixghul. Ahna bdejna mixjin u nsegwu min fejn kien qed jinstema l-bird caller fejn gejna go ghalqa u sibna l-bird caller mixghul ghal pluvieri li kien fuq xi gebel f'nofs ghalqa. Ahna nutajna wkoll li fl-ghalqa ta magenba kien hemm persuna maskili li hekk kif lemah il-pulizija dan telaq jigri. Ahna morna warajh izda dan lahaq stahba ximkien u ma stajniex naraw fejn mar. Dan ir-ragel kien liebes flokk ta kulur ahdar bil-komma qasira u min that kellu kmiem twal ta kulur abjad. Ahna komplejna nfitxu fil-madwar sabiex naraw jekk narawhx fejn fl-istess ghalqa nutajna li qalb xi sigar kien hemm renja armata.

F-ghalqa l-isfel min fejn konna li kienet tinfed wkoll ma din l-ghalqa nutajna persuna maskili li kien ha jsuq vann ahmar li kien iparkjat sabiex johroh mil-ghalqa. Jien mort nilhqu fejn meta kellimtu u hareg mil-vetura ahna arafna li kien dak ir-ragel li konna rajna jigri mil-istatura tieghu u wkoll minhabba li kellu l-kmiem tal-flokk twal bojod that T-shirt iehor. Innutajna wkoll li fil-vettura fuq is-seat tal-passigier kellu l-flokk ta kulur camoflugh li ahna konna rajnieh bih. L-individwu mitlub dokument br-ritratt rizulta li huwa Neville Baldachino, ID: 79985 M, iben Carmel u Michelina kunjomha xebba Grixti, mwieled Pieta nhar 07/01/1985 u

residenti 'Coral Reef', Triq Abdosir, Marsaxlokk fejn meta gie mistoqsi dwar il-bird caller dan qal li ma kienx tieghu u mhux hu kien li telaq jigri. Fuq li-post gie wkoll ragel iehor li dentifika ruhu bhala hu Neville fejn meta gie mitlub document bir-ritratt rizulta li hu Steven Baldachino, ID: 524091 M, iben Carmel u Michelina kunjomha xebba Grixti, mwieled Pieta, nhar 12/10/1991 u residenti 30, Triq **ix-Xini,** Marsaxlokk. Il-pulizija ghamlet wkoll spezzjoni fl-ghalqa u f'xi kmamar minhabba xi senter tal-kacca izda ma gie nutat xejn. Ahna tlabna l-asistenza ta Ps 305 minhabba li kien ikun izjed ronda fuq Marsaxlokk fejn fuq il-post gew wkoll SM489, PS305 u PC798. Steven stqarr maghna li l-bird caller u renja kienu tieghu.

Jiena, Ps 305 u Pc 798 morna ma Steven sabiex jaqla renja u fejn wara SM489 u Ps 1141 marru ma Steven igibu l-bird caller min fejn kien li kien fir-riserva. Il-pulizija elevat il-bird caller u renja fejn inharget ircevuta numru 4866. Wara morna fir-residenza kemm ta' Steven u kemm ta' Neville fejn PS 1141 u PS30 dahlu jghamlu spezzjonijiet tal-l-armi li kellhom f'isimhom.

Kemm Steven u kif ukoll Neville gew infurmati li l-ghada kien ser ikellimhom l-ispettur inkarigat mill-ALE, insp. J. Vella l-ufficju tieghu ghal aktar stharrig.

13.Minn naħa tiegħu PC798 A. Camilleri qal li

Li nhar l-Erbgha 25 ta' Novembru sena 2015 waqt li kont xoghol ma SM489 u PS 305 ghal habta ta 5.00pm, Ps 305 ircieva telefonata minn Ps1141 illi dan kellhu xi bzonn xi assistenza gewwa M'xlokk.

X'hin wasalna fuq il post idikat lilna gewwa Ir-Riserva tal Ballut limiti ta' M'Xlokk sibna lil PS.1141 u PC.572 fejn dawn qallulna li aktar qabel bdew jisimu Birdcaller mixghul u x'hin resqu qrib tieghu innutaw persuna li x'hin rahhom dan telaq minn fuq il post fejn ghalhekk dawn bdew iffixuh qalb xi sigar kien innutaw renja [xibka] Ii kienet armata.

PS. 1141 qal lil Ps 305 illi il persuna li telqet minn fuq il post kien certu Neville Baldacchino Id; No 70985 (M). Fuq il post kien hemm zewg persuni li kienu certu Steven Baldachino 524091 (M) u huh Neville Baldachino 70985 (M) fejn Ps 305 staqsiehom ta' min kienu l-affarijiet, Steven Baldachino qal li l-affarijiet kollha kienu tieghu.

Wara gew elevati kemm il-Birdcaller u ir- Renja fejn steven gie avzat li kienu ha jittiehdu passi fil-konfront.

14.PS 305 A Gauci xehed li :

Nhar l-Erbgha 25 ta Novembru sena 2015 ghal-habta ta' 17hrs waqt li kont xoghol ma SM.489 u PC.798. ircevejna telefonata minghand PS.1141 biex immorru nassistuh gewwa Delimara fir Riserva tal-Ballut limiti ta' M'Xlokk.

Kif wasalna fuq il-post indikat lilna sibna lill PS.1141 u PC.572 fejn dawn qallulna li aktar qabel bdew jisimu Birdcaller attivat u b'hekk nizlu lejn ir-riserva li kif waslu hemm osservaw persuna li kif waslu qrib tieghu dan harab minn fuq il-post li wara bdew iffixuh fejn sabu Renja armata.

PS1141 qalilna li dik il-persuna li kien harablu aktar kmieni kien Neville Baldacchino bin Carmel u Michelina nee' Grixti imwieled Pieta nfiar 7/1/85 u resident gewwa Coral Reef, Triq Abdosir, **M**'Xlokk ID No 70985 (M) ftit wara gew hdejja Steven Baldachino 524091 (M) u huh Neville Baldachino 70985 **(M)** fil-prezenza tal-kollegi tieghi tajtghom il caution u kull dritt li ttihom il-ligi li setu ma jwiegbu xejn fejn dawn ghazlu li jikkoperaw meta staqsejtom ta min kienu il Birdcaller u Renja peress li kienu jinsabu go Riserva, Steven Baldachino qalli li l-affarijiet kollha kienu tieghu u li kien jaf li kienu go riserva.

Wara gew elevati kemm il-Birdcaller u Renja u kif lestejna morna gewwa residenza ta' Neville Baldachino jien PS.305 u PS.1141 fejn iccekjajna l-armi kollhali Neville Baldachino ghandu registrati fuq ismu mal-Kummissarju tal-Pulizija fejn instab li kollox sew.

15. Illi minn din l-evidenza jirriżulta li l-identifikazzjoni tal-appellant fuq il-post kienet saret minn PS1141 u PC572 mill-fatt li huwa kien liebes flokk abjad bil-kmien twal taħt flokk ieħor bil-kmiem qosra. Fil-mument li dawn l-aġenti tal-Pulizija raw lill-persuna maskili taħrab minn fuq il-post innutaw li huwa kien liebes flokk aħdar jew *camouflage* bi flokk abjad bil-kmiem twal minn taħtu. Mill-banda l-oħra meta l-appellant kien ġie mwaqqaf bil-vettura li kien qed isuq ġie innutat li kien liebes flokk ta' kulur ieħor iżda li kien liebes ukoll flokk abjad bil-kmiem twal minn taħtu. Minbarra dan PS572 jgħid li għaraf lill-appellant ukoll mill-istatura tiegħu. Inoltre iż-żewġt xiehda jgħidu li raw li fuq is-seat tal-passiġġier fil-vettura li kien qiegħed isuq l-appellant kien hemm flokk ta' kulur aħdar jew *camouflage*. PS572 jgħid li kien l-istess flokk *camouflage* li huma kienu rawh bih qabel.

16. Illi mix-xiehda tal-Aġenti tal-Pulizija, il-prova li l-appellant kien qiegħed jikkommetti r-reati li bihom ġie mixli u li tagħhom ġie misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati hija bażata fuq il-fatt :

(a) tal-identifikazzjoni tal-appellant mill-ħwejjeġ li suppost kien liebes u mill-istatura tiegħu meta dan telaq jiġri;
(b) li dan ir-raġel kien fl-għalqa viċin ta' fejn kien hemm *bird caller*;
(c) li fil-mument li kien qiegħed isuq kien liebes flokk differenti minn dak li kienu rawh bih qabel, għalkemm kellu flokk abjad bil-komma minn taħt;
(d) fil-vettura misjuqa mill-appellant, fuq is-seat tal-passiġġier instab li kien hemm flokk aħdar jew *camouflage* li l-Pulizija jgħidu li l-appellant kien liebes meta rawh bil-qegħda fuq ġebla ħdejn il-*bird caller*.

17. Ix-xiehda l-aktar determinanti taż-żewġ Aġenti tal-Pulizija dwar dak li suppost kien qiegħed jagħmel l-appellant fl-għalqa hija s-segwenti. PS1142 jgħid li

> bdejt nisma Birdcaller fl'inhawi fejn ahna il pulizija waqafna u bdejna nimxu f'direzzjoni tal dan il-Birdcaller fejn meta gejna vicin ta dan il-birdcaller innutajt li kien go ghalqa fuq xi gebel, fejn f'daqqa wabda rajt persuna Maskili jinhassad u telaq jigri fejn jien u Pc 572 grejna warghajh fejn jien innutajt li kien liebes flokk ta kulur Ahdar b'komma qasira u minn taht kellu flokk abjad b'kmiem twal.

18. PC572 pero jgħid hekk : -

> Ahna bdejna mixjin u nsegwu min fejn kien qed jinstema l-bird caller fejn gejna go ghalqa u sibna l-bird caller mixghul ghal pluvieri li kien fuq xi gebel f'nofs ghalqa. Ahna nutajna wkoll li fl-ghalqa ta magenba kien hemm persuna maskili li hekk kif lemah il-pulizija dan telaq jigri.

19. Jiġifieri il-persuna maskili li telqet tiġri, skont PC572 kienet tinsab fl-għalqa **ta' ma ġenb fejn** kien hemm il-*bird caller* u **mhux fl-istess** għalqa li kien hemm il-*bird caller* fiha. PS1142 ma jagħtix dettalji fejn ir-raġel liebes flokk aħdar kien jinsab meta dan telaq jiġri. Stando ma dak li xehed PC572 pero dan ir-raġel ma kienx qiegħed fl-istess għalqa.

20. Fattur interessanti ħafna f'dan il-każ huwa li x-xiehda ta' PC572 taqbel ma dak li xehed l-appellant fis-sens li huwa fil-fatt ma kienx qiegħed fl-istess għalqa. Quddiem din il-Qorti l-appellant xehed u wera' fuq il-pjanti fejn kien jinstab hu u fejn kien irriżulta li kien ħuh meta ġew il-Pulizija. Issa f'dan il-każ, għalkemm il-Pulizija kienu konvinti li kien Neville Baldacchino dak li kien telaq jiġri, l-appellant jinnega li kien hu li telaq jiġri lil hemm.

21. Mill-banda l-oħra, PS1141 jgħid li Steven Baldacchino, ħu l-appellant "*stqarr li kien hu li gera kif ukoll li r-renja u il- birdcaller kienu tieghu*" u dan waqt li l-appellant kien qiegħed jiġi mitkellem mill-Pulizija u meta PS1141 kellem lil Steven Baldacchino. Dan Steven Baldacchino ma xehedx f'dawn il-proċeduri, din il-Qorti ma għandhiex għaliex tiddubita li PS1141 irrakkonta fedelment dak li Steven Baldacchino kien qallu fuq il-post. Iżda kwalunkwe stqarrija magħmula minn Steven Baldacchino ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra.

22. L-appellant jisħaq li huwa verament kien fl-għalqa ta' missieru iżda ma kienx qiegħed fil-post fejn kienu marru l-Pulizija jagħmlu l-ispezzjoni, iżda kien f'parti oħra f'għalqa differenti u li kienet il-bogħod minn fejn huwa jixhed li kien ħuh Steven dakinhar u mnejn għaddew il-Pulizija u raw lil ħuh Steven.

23. Illi mill-affidavits tal-Pulizija, l-anqas ma jirriżulta għall-liema għalqa jew għelieqi dawn il-Pulizija kienu qegħdin jirreferu. Jirriżulta li l-konfigurazzjoni tal-lok hija waħda fejn hemm diversi għelieqi ħdejn xulxin. Din il-Qorti, u l-Qorti tal-Maġistrati qabilha, ma setgħetx tgħid b'mod ċert eżattament fejn u f'liema għalqa kien jinsab l-appellant. Din il-prova irriżultat lil din il-Qorti mid-deposizzjoni tal-appellant u mhux mill-affidavits tal-Pulizija, u l-prova li ressaq l-appellant turi li l-Pulizija kienet ferm il-bogħod minn fejn kien qiegħed hu meta huma qalu li raw lil raġel jaħrab jiġri.

24. L-identifikazzjoni tal-appellant ma kienetx saret mill-Pulizija b'mod li torbot lill-appellant ma xi għalqa partikolari u dan peress li l-Prosekuzzjoni ma resqitx prova dwar f'liema għalqa kien hemm il-*bird caller* u f'liema għalqa kien jinsab dak ir-raġel li ħarab minn fuq il-post. L-unika ħaġa ċerta mix-xiehda tal-Pulizija hija li dan ir-raġel (li l-Pulizija qalu li kien l-appellant, u li l-PS1141 qal li ħu l-appellant stqarr miegħu li ma kienx l-appellant iżda kien hu, ċjoe Steven Baldacchino stess) kien f'għalqa oħra li ma kienetx dik li fiha kien hemm il-*bird caller*.

25. L-appellant ma jiċħadx li huwa kien fl-għalqa ta' missieru. Iżda l-Prosekuzzjoni kienet obbligata li tipprova b'mod ċert, *sure*, li l-appellant mhux biss kien qiegħed fl-għalqa; iżda wkoll li waqt li kien qiegħed f'dik l-għalqa, kien hu li kien qiegħed jikkommetti r-reati li bihom ġie mixli. Il-fatt li l-appellant kien f'għalqa, li hu jgħid li kienet ta' missieru, u li biswit dik l-għalqa kien hemm għalqa oħra li fiha kien hemm *bird caller* mhix prova biżżejjed li turi biċ-ċert li l-appellant kien qiegħed jagħmel l-attivita kriminuża imputata lilu. Neville Baldacchino verament setgħa wkoll kien qiegħed fl-għalqa ta' missieru jeżerċita kaċċa illegali b'attrezzi illegali. Iżda dan ried jiġi pruvat mill-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u mhux biss fuq bażi ta' probabbilta, kbira kemm setgħet kienet kbira.

26. Il-Prosekuzzjoni serħet il-każ tagħha fuq id-deskrizzjoni tal-Pulizija dwar dak li kien liebes Neville Baldacchino hekk kif huma rawħ fil-vettura misjuqa minnu magħquda mad-deskrizzjoni li l-Pulizija taw ta' x'kien liebes dak ir-raġel li huma raw jinħasad u jitlaq jiġri. Id-denominazzjoni komuni bejniet dawn it-tnejn kienet flokk abjad bil-kmiem minn taħt; iżda filwaqt li l-Pulizija jgħidu li fuq dan il-flokk abjad l-appellant kien liebes flokk differenti minn dak li l-Pulizija kienu raw lil dak ir-raġel li telaq jiġri fl-għalqa għax dak kien flokk aħdar jew *camouflage;* mentri l-appellant fil-vettura misjuqa minnu, kien liebes flokk ta' kulur ieħor. Iżda l-Pulizija xorta jagħmlu r-rabta bejn tal-appellant bħala dak ir-raġel li telaq jiġri minn fuq il-post għax jgħidu li kien tal-istess statura kif ukoll li l-appellant kien qiegħed iġorr flokk aħdar jew *camouflage* fuq is-seat

tal-passiġġier tal-vettura li kien qed isuq. Iżda, l-Pulizija hawnhekk, ma jirriżultawx li huma elevaw dan il-flokk mill-vettura tal-appellant.

27. Punt ieħor li sawwar dubju raġonevoli f'dal-każ kien il-fatt li minkejja li l-Pulizija jixhdu li fis wara li waqfu lill-appellant ġie jkellimhom ħuh Steven Baldacchino, u li skont PS1141 dan stqarr u ammetta miegħu li kien hu, ċjoe Steven Baldacchino li kien ħarab minn fuq il-post u mhux ħuh l-appellant, ħadd mill-Pulizija ma ddeskriva x'kien liebes dak il-ħin Steven Baldacchino. Din id-deskrizzjoni kienet importanti ħafna għaliex kienet tneħħi s-sħab tad-dubju kompletament u tagħlaq il-każ. Tali prova kienet importanti għall-fini tal-konferma tal-identifikazzjoni ta' Neville Baldacchino b'mod univoku bħala dak ir-raġel li telaq jiġri minn fuq il-post. Din il-prova hija nieqsa u din il-Qorti, bħal Qorti tal-Maġistrati qabilha, ma tafx jekk dakinhar Steven Baldacchino kienx ukoll liebes simili għal ħuh Neville. Mid-dokumenti preżentati fl-atti jirriżulta li l-aħwa Baldacchino jixbħu lil xulxin ukoll.

28. Il-Pulizija xehdu wkoll li fil-vettura misjuqa minn Neville Baldacchino kien hemm flokk *camouflage* jew aħdar li huma jgħidu li kienu rawh liebes qabel. L-appellant ma jiċħadx li kellu flokk aħdar fil-karozza, iżda jgħid li dan kien żgħir u ma kienx libsu. Il-Qorti hija ċerta li nstab flokk aħdar fil-vettura misjuqa mill-appellant. Biss mhix ċerta jekk dan kienx l-istess flokk li kien liebes dak ir-raġel li ħarab minn fuq il-post. Iżda anke jekk, *gratia argomenti* dan kien l-istess flokk, din il-Qorti mhix ċerta jekk dak il-

flokk kienx fuq il-persuna ta' Neville Baldacchino jew ta' ħuh fil-mument li l-Pulizija qalu li raw lil dak ir-raġel jitlaq jiġri.

29. Dwar dan il-flokk jirriżulta li kien hemm kontestazzjoni bejn il-Pulizija u l-appellant. Ma jirriżultax li dan il-flokk ġie elevat mill-Pulizija biex il-Qorti tkun tista' tikkonstata jekk dan il-flokk kienx flokk kbir jew żgħir (kif jgħid l-appellant); u jekk kienx *camouflage* (kif jgħid PC572) jew sempliċiment aħdar (kif jgħid PS1141); jekk kienx flokk jintlibes jew jekk kienx flokk li ma jintlibisx. U għar-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq, ried ikun konfermat jekk kienx liebes minn Neville Baldacchino jew inkella jekk kienx ħuh Steven li kien liebes dak il-flokk, ġaladarba fuq il-post jirriżulta li ma kienx hemm l-appellant biss.

30. Issa f'dan il-kwadru probatorju, il-Qorti tal-Maġistrati riedet tkun ċerta, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[4] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi li jitresqu quddiemha. Il-grad tal-probabbilta', kbira kemm setgħet kienet kbira li l-appellant kien qiegħed fuq il-post jikkommetti r-reati *de quo* mhix biżżejjed biex il-Qorti tal-Maġistrati setgħet tikkonludi li ssib ħtija fl-appellant ġja imputat. Il-Qorti tal-Maġistrati setgħet issib ħtija fuq grad ta' suffiċjenza probatorja *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni,* l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li

[4] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid,***[5] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

31. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence,*** Adrian Keane u Paul McKeown[6] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

32. **Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.**

33. Din il-Qorti tqis li fil-kwadru tal-provi diretti li kellha quddiemha l-Qorti tal-Maġistrati, hemm dak id-dubju dettat mir-raġuni dwar kemm fil-fatt verament kien l-appellant dak ir-raġel li l-Pulizija rawh jikkommetti d-delitti *de quo*; u anke jekk l-appellant kien

[5] ibid.
[6] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

qiegħed f'waħda mill-għelieqi li l-Pulizija baqgħu ma identifikawx bi preċiżjoni, kemm fil-fatt huwa kien qiegħed jipparteċipa f'fatti li jikkostitwixxi xi reat minn dak li ġie imputat lilu.

34. Mill-banda l-oħra il-kwadru tal-provi indiretti, t'evidenza ċirkostanzjali, li l-Prosekuzzjoni straħet fuqhom, ma jirriżultax li din kienet univoka b'mod li ssawwar prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Hija prova li tista' twassal għall-sufficjenza probatorja ta' probabbilta, li pero mhix biżżejjed għall-Prosekuzzjoni biex tqis il-każ tagħha pruvat, u biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tqisha biżżejjed li tintegra r-reati in disamina a karigu tal-appellant.

35. Meta din il-Qorti tqis l-assjem tal-provi li ġew preżentati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, tikkonkludi li dik il-Qorti ma setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li fuqha ssawwar sentenza kundannatorja b'mod sikur u sodisfaċenti ossija *safe and satisfactory*.

## ***Deċide***

Għaldaqstant il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan l-appell billi, għall-motivi premessi, tilqa l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija, piena u konsegwenza.

***Aaron M. Bugeja***

***Imħallef***